**Qorti tal-Appell Kriminali**

**GĦAWDEX**

**Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 500 / 2021 / 1**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Edmund Saliba**

**Illum 26 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Edmund Saliba, iben Carmel u Teresa nee Galea, imwieled nhar it-28 t'Ottubru 1969 u residenti 45, Flaminia, Triq Carmelo Dimech, Mosta, detentur tal-karta tal-identita' numru 478969M li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

Fis-19 ta' Ġunju 2021 għall-ħabta tal-11.15 u l-ħinijiet ta' wara fiż-żona li tinsab bejn Fuq il-Pergla and Rdum tax-Xagħra fil-limiti tax-Xagħra, Għawdex, b'imprudenza, b'negliġenza jew inkompetenza, hekk kif kontemplat permezz ta' regolament 29 (1) tar-Regolamenti tal-2018 dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar (A.L. 258 tal-2018):

1. Wettaq jew ippermetti li titwettaq xi attività li fl-opinjoni tal-Awtorità setgħet kienet ta' ħsara għal kwalunkwe eżemplari elenkat fl-Ewwel Skeda meta ma kinitx koperta b'permess mill-Awtorità u dan bi ksur ta' regolament 13 tar-Regolamenti tal-2018 dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar (A.L. 258 tal-2018);

2. Ħaraq, jew bi kwalunkwe mod qered jew qatel, jew għamel ħsara sinifikanti, lil kwalunkwe siġra jew parti minnha elenkata fl-Ewwel Skeda u dan bi ksur ta' regolament 14 tar-Regolamenti tal-2018 dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar (A.L. 258 tal-2018);
3. Ta n-nar lil kwalunkwe siġra protetta bi ksur ta' regolament 17 (1) (a) tar-Regolamenti tal-2018 dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar (A.L. 258 tal-2018);
4. Qabbad nar f'Żona għall-Ħarsien tas-Siġar bi ksur ta' regolament 17 (1) (b) tar-Regolamenti tal-2018 dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar (A.L. 258 tal-2018);
5. Qabbad nar qrib kwalunkwe siġra elenkata fl-Ewwel Skeda bi ksur ta' regolament 17 (1) (c) tar-Regolamenti tal-2018 dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar (A.L. 258 tal-2018);
6. Qabbad logħob tan-nar f'distanza ta' għoxrin (20) metru minn siġra elenkata fl-Ewwel Skeda bi ksur ta' regolament 17 (1) (d) tar-Regolamenti tal-2018 dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar (A.L. 258 tal-2018);
7. Naqas milli jissottometti applikazzjoni lill-Awtorità bil-miktub minn tal-inqas tliet ġimgħat qabel it-twettiq tal-attività bi ksur ta' regolament 21 (1) tar-Regolamenti tal-2018 dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar (A.L. 258 tal-2018);

Il-Qorti ġiet mitluba illi barra li timponi l-piena skont regolament 29 (2) u 29 (3) tar-Regolamenti tal-2018 dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar (A.L. 258 tal-2018), tordna illi l-iskwalifika milli wieħed ikollu jew jikseb liċenzja, permess, awtorizzazzjoni jew clearance ma għandhom f'ebda każ ikunu għal inqas minn sena u dan bis- saħħa ta' regolament 29 (5) tal-istess regolamenti.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-17 ta' Ottubru, 2023, fejn il-Qorti lliberat lill-imputat mit-tieni, it-tielet, ir-raba', u l-ħames imputazzjonijiet filwaqt li wara li rat regolamenti numri 13, 17(1)(d), 21(1), 29(1) (a), 29(2), 29(5) ilkoll tal-Avviż Legali 258 tal-2018 kontenut fil-leġislazzjoni sussidjarja 549.123 u r-raba' skeda paragrafi (i) u (iv)(b) tal-Avviż Legali 258 tal-2018 kontenut fil-leġislazzjoni sussidjarja 549.123 kif ukoll l-artikolu 54(2)(u) tal-Kap 549 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tal-ewwel, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' ħdax-il elf u

mitejn u ħamsin Ewro (EUR 11,250). Inoltre, ai termini tar-regolament 29(5) tal-Avviż Legali 258 tal-2018 kontenut fil-leġislazzjoni sussidjarja 549.123 u ai termini tal-artikolu 30(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat l-iskwalifika milli l-ħati jkollu jew jikseb liċenzja, permess, awtorizzazzjoni jew clearance relatat ma' attivitajiet ta' ħruq ta' nar għal żmien sena mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Edmund Saliba preżentat fit-2 ta' Novembru 2023.

Illi l-appellant Edmund Saliba hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u ghalhekk minnha qed interpona dan l-appell.

**FATTI FIL-QOSOR**

1. Illi l-appellant Edmund Saliba ghandu Licenzja A li permezz taghha jista' jimmanifattura l-loghob tan-nar, liema licenzja ilha ghandu ghal aktar minn tletin (30) sena;

2. Illi l-istess appellant ghandu kamra tan-nar licenzjata fuqu, dik tal-Madonna ta' Lourdes ta' San Gwann, u qabel kellu wahda mill-kmamar tan-nar tal-Mosta licenzjati fuq ismu;

3. Illi fis-sena 2021 gie avvicinat minn certu Julian Sultana biex jordna xi nar ghat-tieg tat-tifla tieghu li kien ser isir fix-Xaghra, Ghawdex. Dan l-istess persuna kien diga ordna nar ghal tieg iehor precedenti li kellu;

4. Illi l-appellant Edmund Saliba applika ghall-permessi kollha mal-Pulizija kif hu obbligat li jaghmel u ssottometta dak kollu mitlub mill-Pulizija sabiex jista' jinhareg il-permess fosthom l-polza tal-assigurazzjoni, *no objection* ta' sid l-ghalqa minn fejn ser jinharaq in-nar, dokumenti li juri li d-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili ser jkunu prezenti waqt il-hruq tan-nar u numru ta' dokumenti ohra li jitolbu l-Pulizija;

5. Illi l-appellant kellu l-permessi kollha necessarji tal-Pulizija sabiex jkun jista' jahraq dan in-nar fl-okkazzjoni tat-tieg nhar id-19 ta' Gunju 2021;

6. Illi l-appellant qabel il-gurnata tal-hruq tan-nar ra li tkun imnaddfa l-ghalqa u l-madwar, bhal ma jaghmel is-soltu, minn haxix hazin niexef biex jassigura li jevita li haxix hazin jaqbad in-nar;

7. Illi fil-gurnata tal-hruq tan-nar l-appellant ra li kien hemm kollox f' postu u li l-haddiema tal-Protezzjoni Civili kienu fil-post bil-fire engine u l-apparat kollu necessarju kif hu rikjest li jsir;

8. Illi l-hruq tan-nar ma kienx minn zona protetta u kien 'l boghod sew minn tali zona kif ukoll fiz-zona minn fejn kien ser jinharaq ma kien hemm l-ebda sigar protetti skont L-Ewwel Skeda tar-Regolamenti tal-2018 dwar il-Harsien tas-Sigar u l-Imsagar (A.L. 258 tal-2018). Infatti in-nar kien qed jinghata minn ghelieqi li kienu mahruta u li ma kien fihom l-ebda sigar u dan kif jirrizulta mir-ritratti esebiti mill-Prosekuzzjoni stess fl-atti tal-kawza.

**AGGRAVJI**

Ili l-appellant hassu aggravat minn parti mis-sentenza moghtiha mill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) u dan ghar-ragunijiet segwenti :-

**L-ewwel Aggravju – Appellant kellu l-permessi necessarji taht il-ligi specjali dwar Hruq tan-Nar u l-Ewwel Onorabbli Qorti skartat dan il-fatt.**

Illi l-appellant hassu aggravat illi huwa nstab hati li ma applikax mal-Awtorita' ghall-Ambjent u Rizorsi ghall-permess ai termini ta' Regolament 13 u 21(1) tar-Regolamenti tal-2018 dwar il-Harsien tas-Sigar u l-Imsagar (A.L. 258 tal-2018);

Illi l-hruq tan-nar pirotekniku jaqa' taht Ligi specjali l-Kap 33 tal-Ligijiet ta' Malta u ezattament LS33.3 – Ir-Regolamenti dwar Kontroll ta' Xogholijiet tan-Nar u Espozivi Ohra. Dawn ir-regolamenti jaghtu gwida cara x' ghandu jsir fi kwalunkwe attivita' li ghandha x'taqsam max-xoghol pirotekniku kif ukoll xi jrid jsir biex jinhargu l-permessi biex jinharaq nar. L-istess regolamenti jaghtu s-setgha lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex johrog permessi ta' hruq tan-nar u anke johrog il-licenzji tan-nar; (Regolamenti 12, 12A u 14 tal-Legislazzjoni Sussisidjarja 33.3 – Avviz Legali 243 tal-1998)

Illi l-appellant ghandu l-licenzja tan-nar mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u kull hames snin irid joqghod ghall-korsijiet li fihom dejjem gie stipulat li jridu jimxu mar-rekwiziti ta' LS 33.3 u qatt ma gew moghtija l-ebda struzzjonijiet li jridu jsegwu xi ligijiet ohra;

Illi LS 33.3 taghti linja cara hafna ta' kif trid issir l-applikazzjoni ghall-hruq tan-nar minn kwalunkwe post u x'rekwiziti hemm. Kif gie pruvat dettaljatament quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-appellant applika mal-Kummissarju tal-Pulizija u ssottometta dak kollu li ntalab u finalment nghata l-permess biex jahraq in-nar fid-data u hin indikati mill-post indikat;

Illi l-istess Avviz Legali 243 tal-1998 fir-regolament 15 jitkellem dwar post ristrett u x' setgha ghandu l-Kummissarju tal-Pulizija biex johrog jew le permess biex jinharaq nar minn post ristrett. Ir-Regolament 15 jghid :-

> "15.(1) Jistgħu jiġu biss sparati minn post ristrett dawk ix-xogħlijiet tan-nar li jkunu ta' għamla aprovata.
> (2) Għall-għanijiet tas-sub-regolament (1) ta' dan ir-regolament, **"post ristrett" huwa post li jiġi hekk dikjarat mill-Kummissarju wara li jingħatalu parir dwar dan mill-grupp ta'esperti msemmija fir-regolament 16** u jinkludi area li tkun fil-perimetru tad-distanza minn dak il-post hekk kif jista' jiġi dikjarat mill-Kummissarju wara li jingħatalu parir mill-istess grupp, u"xogħlijiet tan-nar li jkunu ta' għamla approvata" tfisser xogħlijiet tan-nar ta'

dik l-għamla hekk kif tista' tiġi approvata mill-Kummissarju għal dak l-għan bil-parir ta' l-istess grupp."

Illi fil-kaz odjern il-Kummissarju wara li rcieva d-dokumenti kollha mitluba minn ghand l-appellant nkluz *site plan* tal-post minn fejn kien qed jigi propost li jinharaq in-nar, hareg il-permessi necessarji biex dan jsir. Ma ngabet l-ebda prova li turi li l-grupp ta' esperti taht il-Ligi specjali dwar hruq tan-nar taw parir kuntrarju lill-Kummissarju biex ma jinharaqx nar minn dan il-post;

Illi ghalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata li skartat ghal kollox il-fatti li fil-kaz tal-permessi tal-hruq tan-nar ghandek ligi specjali li tapplika u li allura kellha din il-Ligi li tkun applikata. Mentri l-Ewwel Onorabbli Qorti dan skartatu ghal kollox u applikat biss ligi generali dwar il-harsien tas-sigar f' kull post u f' kull cirkustanza.

**It-tieni Aggravju – Is-sejbien ta' htija ai termini tal-Artikolu 17(1) (d) tal-A.L. 258 tal-2018**

Illi l-appellant hassu aggravat ukoll mill-fatt li nstab hati li qabbad loghob tan-nar f' distanza ta' ghoxrin (20) metru minn sigra elenkata fl-Ewwel Skeda;

Illi l-aggravju huwa car u manifest u johrog ukoll mis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli stess fejn din tghid li ma ngabet l-ebda prova minn fejn tqabbad in-nar. Infatti l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha tghid (fol 5) :-

> *"……Ix-xhieda moghtija quddiem din il-Qorti hekk kif preseduta minn Gilbert Haber kienet cara fis-sens li hu u l-ufficcjali l-ohra tal-ERA marru fuq is-sit l-ghada u cioe' meta n-nar kien diga waqaf.* **Ix-xhieda tal-ERA setghu biss jassumu minn fejn allegatament inghata n-nar** *u l-fatt biss li meta dawn marru fuq is-sit raw xi bicciet tal-foil u wires bil-labelling,* ***ma jammontax ghall-ahjar prova dwar il-post li allegatament fih inghata n-nar*** *u li l-hruq ta' dawn is-sigar sehh minhabba dan il-hruq tan-nar ta' l-ajru. L-ufficcjali tal-ERA lanqas acceda fuq il-post ma' l-ufficcjali*

*tal-pulizija jew tac-CPD li nvestigaw il-kaz bil-ghan li jkun stabilit b' mod preciz minn fejn kien qed jinghata n-nar".*

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet cara fir-ragunament taghha izda nonostante dan imbghad b'mod kontradittorju sabet lill-imputat hati ai termini tal-Artikolu 17(1)(d) tal-A.L. 258 tal-2018 li jghid :-

"(d) tqabbad loghob tan-nar f' distanza ta' ghoxrin (20) metru minn sigra elenkata fl-Ewwel Skeda".

Illi huwa car li mill-provi prodotti ma giex stabbilit minn fejn kien qed jinharaq in-nar bl-ezatt u ghalhekk ma seta' qatt jigi ppruvat li tqabbad nar f'distanza ta' ghxorin (20) metru minn xi sigra elenkata fl-Ewwel Skeda.

Illi ghalhekk l-appellant jhoss li ghandu jigi liberat ukoll mis-sitt akkuza.

**It-tielet Aggravju – Is-Sospenzjoni tal-Licenzja**

Bla pregudizzju ghall-aggravji precedenti l-appellant hassu aggravat mill-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti ordnat l-iskwalifika milli jkollu jew jikseb licenzja, permezz, awtorizzazzjoni jew clearance relatat ma' attivitajiet ta' hruq ta' nar ghal zmien sena u dan ai termini tar-regolament 29(5) tal-Avviz Legali 258 tal-2018 kontenut fil-legislazzjoni sussidjarja 549.123 u ai termini tal-Artikolu 30(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-appellant jsostni li din il-piena hija wahda sproporzjonata u ser taffettwalu l-ghajxien tieghu u tal-familja tieghu stante li huwa ma nstabx hati li kkaguna l-hruq ta' sigar izda biss li ma applikax ghall-permess mal-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi meta kellu l-applikazzjonijiet u permessi kollha necessarji biex wiehed jahraq loghob tan-nar.

Illi regolament 29(5) tal-Avviz Legali 258 tal-2018 kontenut fil-legislazzjoni sussidjarja 549.123 jghid:-

> "Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 23 u 30 (1) tal-Kodici Kriminali ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* ghal procedimenti rigward reati kontra dawn ir-regolamenti, b' dan illi l-iskwalifika milli wiehed ikollu jew jikseb licenzja, permess, awtorizzazzjoni jew *clearance* ma ghandhom f' ebda kaz ikunu ghal inqas minn sena'

Minn ezami tal-Artikolu 30 (1) tal-Kap 9 johrog car li l-iskwalifika tal-licenzja hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti

> "30.(1) Mingħajr ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tordna jew tawtorizza s-sospensjoni jew it-taħsir jew l-iskwalifika milli żżomm jew tikseb xi warrant, liċenza, permess jew awtorità oħra maħruġa mill-Gvern jew xi awtorità pubblika oħra, meta xi persuna, sew bħala awtur jew kompliċi, tiġi dikjarata ħatja ta' reat kriminali li jkun sar –
>
> (a) fl-eżerċizzju jew dwar l-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti, negozju, vokazzjoni jew xogħol ieħor li għalihom ikun inħareġ jew jista' jinħareġ f'isimha xi warrant,liċenza, permess jew awtorità mill-Gvern jew xi awtorità pubblika oħra; jew
>
> (b) bl-użu jew permezz ta' xi għodda, vettura, oġġett jew kull ħaġa oħra tkun li tkun li biex tinġarr, tinżamm, jew tintuża, tkun inħarġet jew tista' tinħareġ liċenza, permess jew awtorità f'isimha,
>
> **<u>il-Qorti tista'</u>**, barra milli tikkundanna lill-persuna li tkun instabet ħatja kif intqal qabel għal xi piena maħsuba mil-liġi għar-reat, tordna li din tkun skwalifikata milli jkollha jew tikseb, għal dak iż-żmien illi l-qorti jidhrilha xieraq, dak il-warrant, liċenza, permess jew awtorità."

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghal fatt li ma saritx applikazzjoni mal-Awtorita' kompetenti meta saret applikazzjoni bid-dokumenti u dettalji kollha mal-Pulizija kif dejjem sar u li hija l-Awtorita' li ghandha l-poteri li tohrog permessi biex jinharaq in-nar skwalifikat lill-appellant milli jkollu licenzja ghal zmien sena.

Illi din kienet tkun proporzjonata kieku nstab hati li qabbad nar u ghamel hsara izda dan ma giex ippruvat u gie liberat minnu;

Illi ghalhekk l-appellant jissottometti li din l-iskwalifika ghandha tigi revokata anke jekk jinstab hati li ma applikax ghall-permessi u dan tenut kont tac-cirkustanzi kollha diga ippruvati quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.

**TALBA**

Ghaldaqstant l-appellant filwaqt li jgib dan kollu a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, u filwaqt li jirriserva li jipproduci xhieda u dokumenti li jkun mehtieg dejjem bl-approvazzjoni tal-Qorti, qed jitlob umilment biex din l-Onorabbli Qorti filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti moghtija fis-sbatax (17) ta' ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) inkwantu din sabet lill-appellant Edmund Saliba mhux hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuzi u illiberatu minnhom, tibdel l-istess sentenza in kwantu din sabet lill-appellant Edmund Saliba hati tal-ewwel (1), is-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjoni u tilliberah minnhom.

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat id-dokumenti ppreżentati.

Eżaminat il-provi prodotti fil-proċess.

Semgħet is-sottomissjonijiet orali magħmula mill-partijiet fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2023.

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi **l-ewwel aggravju** tal-appellant jirrigwardja l-fatt illi l-appellant kellu l-permessi necessarji taht il-ligi specjali dwar Hruq tan-Nar. Hu tenna illi l-Legisjazzjoni Sussidjarja 33.3 taghti linja cara hafna ta' kif ghandha ssir applikazzjoni ghall-hruq ta' nar, minn kwalunkwe post u x'rekwiziti hemm. Ir-Regolament 14 jipprovdi dwar il-postijiet minn fejn isir il-hruq:

> *'14. Ħadd ma jista' jaħraq xogħlijiet tan-nar minn xi post kemm-il darba–*
>
> *(a) il-post ma jkunx dak approvat għal dak l-għan skond liċenza maħruġa taħt l-Ordinanza;*
>
> *(b) fil-ħruq ta' xogħlijiet tan-nar minn post approvat, jissodisfa d-disposizzjonijiet stabbiliti fl-Ewwel u fit-Tieni Skedi;*
>
> *(ċ) il-kanen li fihom isir il-ħruq tax-xogħlijiet tan-nar ta' l-ajru jkollhom lqugħ tajjeb fil-post fejn ikunu permezz ta' twavel ta' l-injam, xkejjer tar-ramel, tyres jew kaxxi tal-kartun jew ta' l-injam mimlija bil-ħamrija jew materjal ieħor bħalha, sabiex ma jkunux jistgħu itiru biċċiet ta' materjal f'każ ta' splużjoni mhux f'waqtha.'*

In oltre, ir-regolament 15 jipprovdi dwar postijiet ristretti minn fejn jinharaq in-nar:

> *'15. (1) Jistgħu jiġu biss sparati minn post ristrett dawk ix- Postijiet ristretti. xogħlijiet tan-nar li jkunu ta' għamla aprovata.*
>
> *(2) Għall-għanijiet tas-sub-regolament (1) ta' dan ir-regolament, "post ristrett" huwa post li jiġi hekk dikjarat mill-Kummissarju wara li*

*jingħatalu parir dwar dan mill-grupp ta' esperti msemmija fir-regolament 16 u jinkludi area li tkun fil-perimetru tad-distanza minn dak il-post hekk kif jista' jiġi dikjarat mill-Kummissarju wara li jingħatalu parir mill-istess grupp, u "xogħlijiet tan-nar li jkunu ta' għamla approvata" tfisser xogħlijiet tan-nar ta' dik l-għamla hekk kif tista' tiġi approvata mill-Kummissarju għal dak l-għan bil-parir ta' l-istess grupp'*

L-appellant jargumenta illi l-Kummissarju tal-Pulizija wara li gie pprezentat bid-dokumenti kollha, inkluz *site plan*, hareg il-permess necessarju sabiex dan il-hruq isir u ma ngieghbet l-ebda prova li turi li grupp t'esperti taw parir kuntrarju lill-Kummissarju.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm jista' jkun li kien hemm nuqqas minn naha tal-Kummissarju tal-Pulizija u/jew rapprezentanti tieghu, din ma tezonorax lill-appellant mill-obbligi tieghu. Ir-Regolament 21 tal-Avviz Legali 258 tal-2018 jew ahjar tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.123 jipprovdi s-segwenti:

*21. (1)* ***Persuna għandha tissottometti applikazzjoni lill-Awtorità bil-miktub minn tal-inqas tliet ġimgħat qabel it-twettiq tal-attività****.*

*(2) L-applikazzjoni għandha:*

*(a) tkun akkumpanjata mid-dokumenti relevanti u kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa kif speċifikat u meħtieġ mill-Awtorità, inkluż iżda mhux biss, pjan tas-sit li juri l-pożizzjonijiet tas-siġar affettwati kollha, u ritratti tas-siġar affettwati biex l-identifikazzjoni tagħhom tiġi ffaċilitata;*

*(b) tiddikjara jekk l-applikazzjoni taqax taħt xi wieħed mill-kriterji elenkati taħt is-subregolament (2) tar-regolament 20;*

*(ċ) tiġi sottomessa kif stipulat mill-Awtorità; u*

*(d) tkun akkumpanjata mid-dritt għall-permess kif stipulat fit-Tielet Skeda.*

*(3) L-Awtorità tista' wkoll titlob assessjar indipendenti tar-riskji, impatti u implikazzjonijiet fuq l-ambjent tal-madwar, kemm naturali u kemm urban. Dak l-assessjar għandu jkun iffinanzjat mill-applikant.*

*(4) L-Awtorità għandha tipproċessa l-applikazzjoni għal permess mingħajr dewmien żejjed.*

Illi jirrizulta mill-atti processwali li l-appellant ma ssottometta l-ebda applikazzjoni mal-Awtorita' skont il-ligi. Jirrizulta illi mhux l-ewwel darba li l-appellant ghamel dan it-tip ta' xoghol u cioe' hruq tan-nar, u huwa mithla tieghu sew. Ghaldaqstant, huwa mistenni li jkun jaf x'suppost ghandu jaghmel u madankollu kieku stess ma kienx jaf, *ignorantia juris non excusat*. Kif jghid il-Professur **Sir Anthony Mamo**[1] :

***"It is a principle recognised by all legal systems that ignorance of the law is no excuse for breaking it …. This rule is absolute. Therefore, no invincible ignorance or error will serve for justification …. Moreover, the said rule is general and applies both in respect of crimes and in respect of contraventions and both to subjects as well as to foreigners."***

In vista tas-suespost, din il-Qorti qiedgha tichad l-Ewwel aggravju mressaq mill-appellant.

[1] Notes on Criminal Law, 1960 edit. p. 95 – 96.

**<u>It-tieni aggravju</u>** tal-appellant jirrigwardja s-sitt imputazzjoni u cioe' is-sejbien ta'htija ai termini tar-Regolament 17(1)(d) tal-L.S. 549. 123 jew A.L. 258 tal-2018. Dan ir-Regolament jipprovdi s-segwenti:

> *'17. (1) Ebda persuna m'għandha:*
> *…*
> *d) tqabbad logħob tan-nar f'distanza ta' għoxrin (20) metru minn siġra elenkata fl-Ewwel Skeda.'*

L-appellant isostni illi huwa car illi mill-provi prodotti ma giex stabbilit minn fejn kien qed jinharaq in-nar bl-ezatt u ghalhekk ma seta' qatt jigi ppruvat li tqabbad nar f'distanza ta' ghoxrin (20) metru minn sigra elenkata fl-Ewwel Skeda.

Ix-xhud Chantelle Dimech[2] stazzjonata l-ERA qalet illi hija flimkien ma' kollega taghha kienu *on call* nhar l-20 ta' Lulju, 2021 fejn gew infurmati li l-lejl ta' qabel kien hemm xi hruq u ghall-habta ta' 11.45am marru fuq il-post. Hi tghid li sabu l-*let off* tal-*fireworks* li kienet qrib *tree protection area* u cioe' *within twenty metres* (20m). Ix-xhud Gilbert Haber[3] ukoll f'isem l-ERA xehed illi l-incident kien sar bil-lejl u hu kien infurmat l-ghada filghodu. Hu jghid illi nnutaw li fuq ir-rih ta' din l-area mahruqa kien hemm dak li jidher post fejn inharaq il-loghob tan-nar. Fil-fatt kien hemm numru ta' wires, bicciet ta' foil, il-hofor fejn normalment jigu sparati n-nar u anke bicciet tal-*castings* tan-nar. Jghid li dan kien ma genb zona maghrufa bhala zona ghall-harsien tas-sigar San Lawrenz. Huwa pprezenta estratt fejn indika l-boundaries ta' *tree protection area* u b'salib immarka l-ghalqa fejn kien jinghata l-*fireworks*. Mistoqsi mill-Qorti fejn kien jaf minn fejn saru l-*fireworks* jekk ma kienx prezenti, huwa wiegeb minn evidenza bhal wires u labels. Ikkonferma li hu wasal ghall-konkluzjoni mill-affarijiet li ra fuq il-post. In oltre, mistoqsi in kontro-ezami '*Jigifieri within the twenty metres radius minn fejn skont int kien qed jinharaq in-nar ma sarx hruq*' hu wiegeb '*Le ma jidhirx li l-hsara waslet'*. Mistoqsi min kien qallu li n-nar kien qabad f'dik l-area, hu wiegeb li l-pulizija

[2] Fol. 41 et seq tal-process.
[3] Fol. 54 et seq tal-process.

ghaliex kien cempel f'nofsinhar izda ma jafx ma min kien tkellem. Ix-xhud esebixxa wkoll xi ritratti fejn jidrhu xi foil u wires li setghu ntuzaw sabiex inharaq in-nar.

Illi, din il-Qorti tenfasizza illi l-prosekuzzjoni mistenniha li tressaq provi 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, ghalkemm huwa minnu wkoll li jekk xhud ikun emmnut u kredibbli, l-Qorti tista' tistrieh fuqu. Fil-kaz odjern din il-Qorti ma jidrilhiex illi l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova 'l hinn kull dubju dettat mir-raguni li n-nar inharaq f'distanza t'ghoxrin (20) metru minn xi sigra elenkata fl-Ewwel Skeda. Ir-ragunijiet ghal dan huma s-segwenti: Primarjament, in-nar sehh mal-lejl u r-rapprezentanti tal-ERA marru fuq il-post l-ghada tard filghodu u ghaldaqstant stante li ma kienx hemm preservazzjoni tal-post u minhabba l-elementi tat-temp, certu affraijiet setghu facilment iccaqalqu. Sekondarjament, ir-rapprezentanti tal-ERA ma kienux fuq il-post meta ha n-nar u lanqas l-ghada ma kienu akkumpanjati ma min kien prezenti l-gurnata ta' qabel meta fil-fatt sehh l-incident. Ghalhekk ir-rapprezentanti tal-ERA marru fuq il-post u qadghu biss fuq il-fdalijiet li sabu u l-hruq li setghu jinnutaw. In oltre, minkejja li gew esebiti diversi ritratti, ma jissemma mkien li ttiehed xi kejl jew li tqabbad xi perit sabiex tigi kkalkulata d-distanza preciza minn fejn allegatament tqabbad in-nar ghal fejn hemm iz-zona tas-sigar protetti. Ghaldaqstant, stante li fil-kamp penali kwalunkwe dubju jimmerita favur l-akkuzat, din il-Qorti jidrilha li ghar-ragunijiet suesposti ghandha tilqa' it-tieni aggravju mressaq mill-appellant.

**<u>Fit-tielet aggravju</u>** tieghu l-appellant qieghed jargumenta illi hassu aggravat meta l-Ewwel Qorti ordnat li jigi skwalifikat milli jkollu jew jikseb licenzja ghal zmien sena u dan ai termini tar-regolament 29(5) tal-Avviz Legali 258 tal-2018 kontenut fil-legislazzjoni sussidjarja 549.123 u ai termini tal-Artikolu 30(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-Regolament 29(5) tal- legislazzjoni sussidjarja 549.123 jistipula hekk:

> *' Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 23 u 30 (1) tal-Kodiċi Kriminali għandhom japplikaw mutatis mutandis għal proċedimenti rigward reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli wieħed*

*ikollu jew jikseb liċenzja, permess, awtorizzazzjoni jew clearance ma għandhom f'ebda każ ikunu għal inqas minn sena.'*

Di piu', l-Artikolu 30(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi s-segwenti:

*'30. (1) Mingħajr ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tordna jew tawtorizza s-sospensjoni jew it-taħsir jew l-iskwalifika milli żżomm jew tikseb xi warrant, liċenza, permess jew awtorità oħra maħruġa mill-Gvern jew xi awtorità pubblika oħra, meta xi persuna, sew bħala awtur jew kompliċi, tiġi dikjarata ħatja ta' reat kriminali li jkun sar –*

*(a) fl-eżerċizzju jew dwar l-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti, negozju, vokazzjoni jew xogħol ieħor li għalihom ikun inħareġ jew jista' jinħareġ f'isimha xi warrant, liċenza, permess jew awtorità mill-Gvern jew xi awtorità pubblika oħra; jew*

*(b) bl-użu jew permezz ta' xi għodda, vettura, oġġett jew kull ħaġa oħra tkun li tkun li biex tinġarr, tinżamm, jew tintuża, tkun inħarġet jew tista' tinħareġ liċenza, permess jew awtorità f'isimha,*

***il-qorti tista'***, *barra milli tikkundanna lill-persuna li tkun instabet ħatja kif intqal qabel għal xi piena maħsuba mil-liġi għar-reat, tordna li din tkun skwalifikata milli jkollha jew tikseb, għal dak iż-żmien illi l-qorti jidhrilha xieraq, dak il-warrant, liċenza, permess jew awtorità.*

Ghaldaqstant in vista tal-kelmiet '*il-qorti tista'*' fl-Artikolu 30(1) sucitat, jirrizulta illi s-sospenzjoni tal-licenzja f'dan ir-rigward mhux wahda tassativa izda diskrezzjonarja. Din il-Qorti hi tal-fehema illi stante l-appellant kellu jinstab hati biss tal-ewwel (1) u s-seba' (7) imputazzjonijiet, ma tkunx proporzjanata d-decizjoni li tigi sospiza l-licenzja tieghu u dan anke meta jittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li l-appellant ma nstabx hati li kkaguna dannu lil sigar protetti. Ghalhekk, din il-Qorti qiedgha wkoll tilqa' it-tielet u l-ahhar aggravju tal-appellant.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell in parte, filwaqt li tichad l-ewwel aggravju, tilqa' it-tieni u t-tielet aggravji mressqa mill-appellant Edmund Saliba, tghaddi ghalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni, r-raba' u l-hames imputazzjonijiet u fejn sabitu hati tal-ewwel u s-seba' imputazzjoni kontra tiegħu, tirrevokaha fir-rigward tas-sitt imputazzjoni u ghalhekk tillibera lill-appellant mis-sitt imputazzjoni migjuba kontra tieghu. Ghaldaqstant tvarja il-piena inflitta, u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' elf u hames mitt euro (€1,500).

**Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

Margaret De Battista
Assistent Registratur